MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2009

Numru. 687/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edmond Cuschieri)**

**vs**

**Patrick Cuesta**

Il-Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Patrick Cuesta, ta’ 45 sena, iben Emmanuele Cuesta u Mary Sciberras, imwieled nhar is- 6 ta’ Lulju, 1964 gewwa l- Pieta`, detentur tal- karta ta’ l- identita  bin- numru 363964M u joqghod 62, Madonnina, Triq il- Poeta, Mosta.

Akkuzat talli nhar is- 6 ta’ Gunju, 2009, ghal- habta tal- 10:30hrs, gewwa l- fond 32, Madonnina, Triq il- Poeta, il- Mosta, minghajr il- hsieb li joqtol jew li jqieghed il- hajja ta’ haddiehor f’ periklu car, ikkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il- persuna ta’ martu Marlene Cuesta, hekk skond kif iccertifikat minn Dr. Sylvia Zrinzo M.D.

Akkuzat ukoll talli nhar is- 7 ta' Gunju, 2009 ghall- habta tas- 14:30hrs gewwa l- fond 32, Madonnina, Triq il- Poeta` Mosta, bla ordni skond il- ligi ta' awtorita` kompetenti u barra mill- kazijiet li fihom il- ligi taghti s- setgha lil privat li jarresta lill- hati, arresta, zamm jew issekwestra lil martu Marlene Cuesta kontra l- volonta` taghha, jew ta post biex fih din il- persuna giet arrestata, mizmuma jew issekwestrata.

U aktar talli fl- istess dati, lok, hin u cirkostanzi gab ruhu b' mod li kkaguna ll Marlene Cuesta bizgha li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l- propjeta` taghha jew kontra l- propjeta ta' xi hadd mill- axxendenti, dixxendenti ahwa subien u bniet jew xi persun msemmija fl- artikolu 222(a) tal- Kap. 9 tal- Ligijiet ta' Malta u dan ai termini tal- Art. 251 B tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti giet mitluba biex f' kaz ta' htija tapplika l- artikolu 222 (1) tal- Kap 9 u wkoll tahseb ghas- sigurta tal- vittma billi tqieghed lil- hati taht garanzija skon ma hemm mahsub fl- artikolu 383 tal- kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta

Rat l-artikoli 86, 87, 216, u 222 u 251B, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat id-dokumenti esebieti.

Ikkunsidrat

Illi l-uniku xhud tal-prosekuzzjoi kienet l-parte leza li ghazlet li ma tixhiedx u ddikjarat li hi u l-imputat lahqu waslu ghal separazzjoni bonarja u qed jghixu separatament minn xulxin; iddikjarat ukoll li ma kellha l-ebda interess fil-proceduri odjerni.

Illi ghalhekk l-Qorti ma kellha l-ebda prova in sostenn ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra ta'l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontrih u tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------